A.L. 109 ta' l-1992

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Statut I12 — Ċentru għall-Istudji fil-Kummerċ Internazzjonali

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28(5) u 29(6) ta' l-Att tal-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dan l-istatut magħmul mill-Kunsill ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 31 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dan l-istatut jista' jissejjaħ l-iStatut I12 - Ċentru għall-Istudji fil-Kummerċ Internazzjonali.

Statut I12 — Ċentru għall-Istudji fil-Kummerċ Internazzjonali.

1. B'dan qed jitwaqqaf fl-Universita', iċ-Ċentru għall-Istudji fil-Kummerċ Internazzjonali.

2. Iċ-Ċentru għandu dawn l-għanijiet:

(a) li jfassal korsijiet fl-Ippjanar tat-Taxxa Internazzjonali li jkopru wkoll l-aspetti ta' servizzi relatati ma' l-*offshore;*

(b) li juża bl-aħjar mod riżorsi u esperjenza teknika sabiex id f'id ma' speċjalisti barranin f'dan il-qasam, jagħmel riċerka b'metodi innovattivi biex ikabbar l-istudju sistematiku tad-diversi suġġetti u dixxiplini relatati;

(c) li jipprovdi opportunitajiet għall-akkwist ta' ħiliet li għalihom hawn domanda għal dawk il-persuni, li l-impenn tagħhom tax-xogħol ma jħallihomx isegwu l-korsijiet tas-soltu ta' matul il-jum; u

(d) li joħloq programmi stutturati li jistgħu jwasslu għall-għoti ta' diploma jew grad mill-Università ta' Malta.

3. Iċ-Ċentru jitmexxa minn Bord magħmul kif ġej:

President: Ir-Rettur jew id-delegat tiegħu

Viċi-President: Maħtur mill-Kunsill ta' l-Università

Id-Direttur taċ-Ċentru

Mhux inqas minn erba' u mhux aktar minn għaxar persuni maħtura mill-Kunsill ta' l-Università.

4. Xogħol il-Bord hu li :

(a) jfassal il-pjan ta' ħidma taċ-Ċentru biex jintlaħqu l-għanijiet msemmija hawn fuq;

(b) jara li l-finanzi taċ-Ċentru jitħaddmu tajjeb;

(c) jiżgura li ċ-Ċentru jilħaq l-għanijiet tiegħu billi jaħdem id f'id ma' l-istituzzjonijiet oħrajn, kemm Maltin kif wkoll barranin.

5. (1) Iċ-Ċentru jkollu Direttur u staff:

(2) Id-Direttur jinħatar għal tliet snin mill-Kunsill ta' l-Università, wara sejħa għall-applikazzjonijiet;

(3) Membri oħra akkademiċi jinħatru mill-Kunsill ta' l-Università bir-rakkomandazzjoni tal-Bord. Il-Bord innifsu jista' jaħtar membri ta' l-istaff mhux-akkademiċi għall-perijodi ta' mhux aktar minn sena;

(4) membri amministrattivi u klerikali jinħatru mill-Bord.

6. It-Teżorier taċ-Ċentru jkun l-Uffiċjal tal-Finanzi ta' l-Università, iżda, bl-approvazzjoni bil-miktub tar-Rettur, jista' jinnomina membru anzjan ta' l-istaff biex iservi minfloku.

7. Id-Direttur ikun responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum taċ-Ċentru, skond il-politika stabbilita mill-Bord, għall-preparazzjoni ta' l-estmi ta' kull sena, għall-istqarrijiet finanzjarji u għar-rapporti dwar l-attivitajiet taċ-Ċentru lill-Kunsill.

8. Il-Bord jista' jressaq emendi għall-Istatut għall-approvazzjoni tal-Kunsill ta' l-Università.